MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 296/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**vs.**

**Desayev Cumbo**
**K.I. 391691(M)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2013, li permezz tiegħu, s-soċjeta` talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' mitejn u sittin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€260.79), premess illi:

> Il-konvenut għandu jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u sittin ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€260.79), liema ammont huwa in

konnessjoni mas-servizz ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 50968307* mogħtija mis-soċjetà attriċi lill-konvenut;

Illi l-konvenut ġie interpellat sabiex iħallas is-somma dovuta, iżda baqa’ inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-**risposta** tal-konvenut ippreżentata fil-11 ta’ Ġunju 2013, fejn huwa eċċepixxa:

1. Illi l-eċċipjenti mhux il-leġittimu kontradittur;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, fil-mertu l-azzjoni attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-ammont mhux dovut stante li l-konvenut kien mar fl-uffiċini tas-soċjetà attriċi qabel id-dati ċċitati fid-dokument anness mat-talba sabiex jittermina l-kuntratt;

3. Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-attur.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema’ lix-xhieda;

Ra illi l-konvenut fis-seduta tal-20 ta’ Settembru 2013 kien irtira l-ewwel eċċezzjoni minnu sollevata;

Ra illi minkejja li t-Tribunal alloka total ta’ tliet (3) seduti għall-provi tas-soċjeta` attriċi, u cioe 30 ta’Ottubru 2013, 21 ta’ Novembru 2013[1] u 11 ta’ Diċembru 2013 dina naqset milli tipproduċi x-xhieda tagħha u għaldaqstant it-Tribunal fis-seduta tal-11 ta’ Diċembru 2013 kien iddikjara l-provi tas-soċjeta` attriċi bħala magħluqa.

Ra l-verbal tat-13 ta’ Mejju 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

[1] F’din is-seduta, d-difensur tas-soċjeta` attriċi kienet infurmat lit-Tribunal li hija kienet tinsab indisposta, iżda lanqas fis-seduta sussegwenti ma ġew prodotti xhieda.

**Provi**

Minkejja li l-provi tas-soċjeta` attriċi ġew dikjarati magħluqa, it-Tribunal kellu xorta waħda fl-atti il-kuntratti li minnhom emana s-servizz mertu ta’ din il-kawża u wkoll prospett bil-fatturi kollha maħruġa mis-soċjeta` attriċi fil-konfront tal-konvenut, kif ukoll il-pagamenti kollha li saru minnu.

Il-konvenut spjega illi huwa kien ħa servizz ta’ internet mingħand is-soċjeta` attriċi. Fil-bidu, billi huwa kien għadu taħt l-eta`, il-kuntratt kien sar fuq isem missieru, iżda sussegwentement dana ġie maqlub fuq ismu. Minkejja li kien mela l-formola sabiex il-pagamenti jsiru bid-direct debit, ma jidhirx li dan kien qed jiġi effettivament attwat, u fil-fatt l-istess konvenut kien xehed illi huwa kien iħallas għas-servizz, xi drabi b’cash u oħrajn bil-card.

Spjega li jum fost l-oħrajn huwa kien mar l-outlet tal-Belt fejn talab it-terminazzjoni tas-servizz. Dak in-nhar stess huwa rritorna l-equipment  u cioe internet key, sim card u l-wire relattiv. Xi erbat’ijiem qabel kien ħallas dak kollu minnu dovut. Ma żammx l-irċevuta tal-pagament li kien għamel u lanqas ma talab irċevuta għall-equipment li kien irritorna. Huwa qal li dan kien għamlu madwar xahar qabel ma ħa servizz ieħor tal-Go għall-internet u t-telefonija fissa fir-residenza ġdida tiegħu flimkien ma’ ċerta Monique Attard Portugues. Huwa esebixxa l-kuntratt il-ġdid li l-istess Attard Portugues kienet għamlet mas-soċjeta` attriċi u huwa kkonferma bil-ġurament li kien u għadu qed jgħix mal-istess Attard Portugues. Dan il-kuntratt huwa datat 27 ta’ Lulju 2011.

**Konsiderazzjonijiet**

Fl-ewwel lok, it-Tribunal ikkunsidra illi s-soċjeta` attriċi f’din il-kawża m’hijiex qed titlob il-ħlas lura ta’ xi apparat li hija setgħet ipprovdiet lill-konvenut iżda qed titlob il-ħlas ghas-servizz lilu mogħti.

Il-konvenut jikkontendi li huwa talab għat-terminazzjoni tas-servizz bejn wieħed u ieħor lejn l-aħħar ta’ Ġunju 2011. Illi rriżulta mill-prospett immarkat Dok. IZY1, a fol. 2 tal-proċess illi sa dan iż-żmien huwa kien iġġenera servizz sal-valur ta’ €308.64 li minnhom ħallas €196.48, u għaldaqstant hija fehma tat-Tribunal illi l-aħħar pagament li sar mill-konvenut fit-13 ta’ Ġunju 2011, ma setax kien wieħed għas-saldu għaliex kien għad baqa’ dovut l-ammont ta’ €112.16 rappreżentanti ħlas għas-servizz **sa** Ġunju 2011, li possibilment il-kontijiet relattivi kien għadhom ma ġewx ġenerati. Anke jekk il-kont ma kienx ġenerat, ladarba s-servizz kien laħaq ġie pprovdut, naturalment dan l-ammont xorta waħda huwa dovut mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi.

Dwar l-ammont rimanenti, ġenerat minn Lulju 2011 'il quddiem, il-konvenut jikkontendi li huwa kien talab it-terminazzjoni tas-servizz u li kien irritorna l-apparat kollu. It-Tribunal huwa tal-fehma, li minkejja li l-konvenut ma kienx jaf ċertu dettalji bħad-data eżatta, u li lanqas ma kellu ebda riċevuta in sostenn ta' dak li kien qiegħed jistqarr, xorta waħda kien kredibbli fil-verżjoni tiegħu bil-mod kif xehed dwar fejn mar, l-apparat li kien irritorna u kif seħħu l-affarijiet. It-Tribunal iħoss li huwa kredibbli l-konvenut fejn jgħid li lejn l-aħħar ta Ġunju kien irritorna l-apparat u talab it-terminazzjoni tas-servizz. Id-data hija korraborata mill-prospett prodott mis-soċjeta` attriċi minn fejn jirriżulta li l-aħħar pagament tal-konvenut sar fit-13 ta' Ġunju 2011, u huwa jgħid li ftit tal-jiem wara li għamel l-aħħar pagament, huwa kien irritorna l-apparat. Il-verżjoni tal-konvenut hija korraborata wkoll mill-fatt li s-soċjeta` attriċi m'hijiex titlob il-ħlas tal-apparat u allura jagħmel sens dak li qed jgħid il-konvenut li dana kien ġie ritornat minnu lis-soċjeta` attriċi.

**Deċide**

In vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq premessi, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' mija u tnax-il Ewro u sittax-il ċenteżmu (€112.16) u jilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut għas-somma rimanenti mitluba u konsegwentement qiegħed jordna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' mija u tnax-il Ewro u sittax-il ċenteżmu (€112.16), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------